K.L.B.L./02/03/2009

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2009 li jirregolaw il-Karozzini ġewwa l-Imdina (Kunsill Lokali Imdina)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 35(8) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Imdina għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu "*Bye-Laws* ta' l-2009 li jirregolaw il-Karozzini ġewwa l-Imdina". Titolu.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazetta. Bidu fis-seħħ.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali tal-Imdina;

"karozzin" tfisser karozzin u kull vettura miġbuda minn annimal;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Imdina kif murija fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att.

3. Kull karrozzin użata b'kiri jew b'kumpens tista' tiċċirkola fl-Imdina f'kull ħin sakemm il-qawqab tal-annimal u r-roti tal-karozzin ikunu miksija bil-lastku: Ċirkolazzjoni tal-karozzini u l-użu tal-lastku fuq il-qawqab u r-roti tal-karozzin.

Iżda l-Kunsill jista' joħroġ permess biex karozzin li ma jkollux ir-roti miksija bil-lastku jkun jista' jidħol fl-Imdina f'xi okkażjoni speċjali.

4. Persuna li tinsab ħatja bi ksur ta' dawn ir-regolamenti tista' meta tinsab ħatja teħel ammenda ta' sittin euro. Piena.